# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni fil-qosor ikkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuniet mill-Istat mogħtija skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuniet mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2008/C 331/04)

**Numru XA:** XA 343/08

**Stat Membru:** Id-Danimarka

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li qed tirċievi għajnuna individwali:**

Sundhedsstyring i vildtopdræt

**Bażi ġuridika:**

Lov om administration af Det Europæiske Fællesskabs forordninger om markedsordninger for landbrugsvarer m.v. (Bemyndigelsesloven), jf. lovbekendtgørelse nr. 297 af 28. april 2004

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** DKK 300 000

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** L-1 ta' Ottubru 2008

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sat-30 ta' Settembru 2009

**Għan tal-għajnuna:** L-għan tal-iskema hu biex jiġi żgurat li t-tjur tal-kaċċa ż-żgħar rilaxxati għall-kaċċa huma b'saħħithom u jikkostitwixxu stokk vijabbli ta' għasafar tajbin għall-konsum mill-bniedem. Billi r-rata ta' mortalità fost it-tjur tal-kaċċa ż-żgħar spiss tkun għolja, l-iskema hija maħluqa biex tipprovdi informazzjoni dwar il-kawżi ta' mewt fost l-iżgħar gruppi ta' tjur tal-kaċċa. Skont l-informazzjoni miġbura, il-pariri huma mfassla dwar il-ġestjoni tat-tjur tal-kaċċa (primarjament dundjani) fl-ewwel tliet ġimgħat ta' ħajja, bil-għan li jitnaqqas it-telf ta' produzzjoni.

Il-benefiċjarji aħħarija huma dawk li jgħammru tjur għall-kaċċa. L-iskema tikkonċerna l-impriżi żgħar u ta' daqs medju biss.

L-iskema hija skont l-Artikolu 15(2)(c) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006. Tikkonċerna n-nefqa għal servizzi ta' konsulenza

**Settur(i) konċernat(i):** Tjur tal-kaċċa

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Fjerkræafgiftsfonden
Axeltorv 3
DK-1609 Copenhagen V

**Websajt:**

http://www.poultry.dk/ddf/fa.nsf/B2009T.pdf?openfileresource

**Tagħrif ieħor:** —

---

**Numru XA:** XA 344/08

**Stat Membru:** Franza

**Ir-reġjun:** Département du Gers

**Skema ta' għajnuna:**

Programme d'aide en faveur du remplacement des éleveurs gersois

**Il-bażi ġuridika:**

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006, Artikolu 15;
- articles L 1511-1 et suivants, article L 4211-1 du code général des collectivités territoriales,
- délibération du Conseil général du Gers du 29 juillet 2008

**Nefqa annwali taħt l-iskema jew l-ammont totali ta' għajnuna mogħti lill-impriża individwalment:** EUR 60 000 /sena

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-ammont ta' għajnuna għandu jkun 35 % tal-ispejjeż ta' kull jum għal sostituzzjoni ta' raħħala żgħażagħ u 25 % tal-ispejjeż ta' kull jum għal sostituzzjoni tar-raħħala l-oħra, sal-limitu ta' 24 ġurnata kull sena u kull trobbija

**Data tal-implimentazzjoni:** 2008, mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni għad-domanda ta' eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni

**Tul ta' żmien tal-iskema ta' għajnuna:** 2008

**Ghan u tipi ta' għajnuniet:** Is-sostituzzjoni hija soluzzjoni li tippermetti l-impriżi agrikoli li l-attività tagħhom titlob il-preżenza tagħhom fil-farm kull jum tas-sena jkollhom ritmu ta' xogħol u ta' ħajja komparabbli għal dawk ta' setturi ekonomiċi oħra. Madankollu, għajr għal każijiet fejn din l-għażla tiġi ffinanzjata (permezz ta' assigurazzjonijiet privati li jkopru l-maternità, inċidenti jew mard), l-ispejjeż għal dan is-servizz iservu ta' deterrent.

Għalhekk qiegħed jiġi propost lir-raħħala, għajnuna intiża sabiex jiġi mheġġeġ l-użu ta' dawn is-servizzi. Din l-għajnuna għandha tingħata biex jitkopru l-ispejjeż reali mġarrba minħabba s-sostituzzjoni tar-raħħal minħabba mard, vaganzi jew għal taħriġ professjonali (minbarra r-risponsabbiltajiet tad-'trade unions'). L-għajnuna għandha tingħata fil-forma ta' servizzi ssussidjati u ma għandiex tingħata fi ħlasijiet diretti lill-produtturi.

F'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament ta' eżenzjoni agrikola, l-għajnuna ma għandiex tiġi limitata għall-membri ta' gruppi ta' prodotturi speċifiċi jew għall-organizzazzjonijiet oħra. Meta l-għajnuna tiġi attribwita lil grupp jew organizzazjoni għal servizz għal servizz li jingħata lil raħħal li mhuwiex membru ta' dak il-grupp jew organizzazzjoni, hija għandha tiġi limitata għall-ispejjeż relatati mal-forniment tas-servizz ta' sostituzzjoni

**Setturi konċernati:** L-impriżi agrikoli kollha, meta r-raħħal (li jeżerċità l-attività ewlenija tiegħu) għandu jkun preżenti kull jum tas-sena kollha fil-farm

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Monsieur le Président du Conseil Général du Gers
Direction de l'Agriculture, de l'Eau et de l'Environnement
81, route de Pessan
F-32000 AUCH

**Websajt:**

http://www.gers-gascogne.com/ovidentia/index.php?tg=oml&file=publication/fich.html&art=1211&cat=33

---

**Numru XA:** XA 345/08

**L-Istat Membru:** Spanja

**Ir-reġjun:** Catalonia

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li titċievi l-għajnuna individwali:**

Ayudas para la repoblación ganadera de reproductores bovinos sacrificados por motivo de saneamiento oficial

**Il-bażi ġuridika:**

Orden de 2008, del Departamento de Agricultura, Alimentación y Acción Rural, por la cual se aprueban las bases reguladoras de las ayudas para la reposición de animales reproductores bovinos sacrificados por motivos de saneamiento oficial y se convocan las correspondientes al año 2008

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema:** EUR 810 000 kull sena

**L-intensità massima tal-għajnuna:** Sa EUR 500 għal kull annimal maqtul minħabba raġunijiet uffiċjali ta' saħħa, sabiex jiġi sostitwit dak l-annimal. L-ammont massimu ta' għajnuna għal bdil tal-annimal għandha tkun id-differenza bejn il-prezz ta' xiri tal-annimal il-ġdid u l-ammont totali riċevut skont l-iskema ta' assigurazzjoni, jekk ikun il-każ, u l-ispejjeż mhux imġarrba minħabba l-marda, illi kieku kellhom jiġġarbu, sakemm l-intensità massima ta' għajnuna ma taqbizx il-100 %

**Id-data tal-implimentazzjoni:** L-iskema ta' għajnuna għandha tapplika mid-data tal-pubblikazzjoni fuq il-websajt tad-DG AGRI tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għall-eżenzjoni provduta fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006. L-Ordni tidħol fis-seħħ wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Generalitat de Cataluña (DOGC), li hija ppjanata għal Settembru 2008

**Tul ta' żmien tal-iskema ta' għajnuna:** Mill-pubblikazzjoni tal-iskema fl-2008 sal-31.12.2013

**L-għan tal-għajnuna:** L-għajnuna hija maħsuba biex tikkumpensa r-raħħala għat-telf ikkawżat mill-qtil tal-bovini taċ-ċanga, tal-ħalib jew tar-razza Lidia minħabba raġunijiet uffiċjali ta' saħħa, u li tiffaċilita l-bdil tal-annimali bil-ħsieb li jiġi restawrat in-numru ta' annimali tat-tgħammir għan-numru ta' qabel it-tfaqqigħa tal-marda, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

Din l-għajnuna tingħata sabiex tiġi miġġielda t-tuberkulożi bovina u/jew il-bruċċellożi, u:

— għandha x'taqsam mal-marda li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu rrikonoxxew it-tfaqqigħ tagħha;

— tagħmel parti mill-programm obbligatorju fuq livell Komunitarju, nazzjonali jew reġjonali għall-prevenzjoni jew l-eradikazzjoni tal-marda;

— ma tingħatax għajnuna għall-miżuri fejn l-ispejjeż għandhom jiġġarbu mill-impriża agrikola;

— mhumiex mard fejn il-leġiżlazzjoni Komunitarja tipprovdi għall-ħlasijiet speċifiċi għall-miżuri ta' kontroll;

— l-annimali kollha fl-impriża kellhom jiġu maqtula għall-raġunijiet uffiċjali ta' saħħa fl-2007 u fl-2008. L-annimali li għandhom jinbidlu setgħu ġew nieqsa fl-2007. Għalhekk, l-iskema tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(8) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006 peress li għandha tiddaħħal fi żmien tlett snin minn meta ġara t-telf u l-għajnuna għandha titħallas fi żmien erba' snin mill-inċident

Impriżi agrikoli li huma kkunsidrati bħala impriżi żgħar ħafna, żgħar jew ta' daqs medju biss jistgħu jibbenefikaw minn din l-għajnuna

**Is-settur(i) konċernat(i):** It-tgħammir tal-baqar għaċ-ċanga, għall-ħalib jew tar-razza tal-Lidia, il-kodiċi tan-NACE 01.41 (Trobbija tal-baqar tal-ħalib) u 01.42 (Trobbija ta' bovini oħra u buffli)

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Departamento de Agricultura, Alimentación y acción Rural de la Generalitat de Catalunya
Gran Vía de les Corts Catalanes n[os] 612-614
E-08007 Barcelona

**Indirizz tal-internet:**

http://www20.gencat.cat/docs/DAR/TR_Tramits/TR01_Ajuts%20i%20subvencions/DAR_05%20Ajus%20pendents%20publicacio/Documents/Fitxers%20estatics/2008267.pdf

**Tagħrif ieħor:** —

---

**In-numru tal-XA:** XA 349/08

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun:** Liguria

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna:**

Concessione di contributi per le spese relative alla tenuta dei Libri Genealogici e per lo svolgimento dei controlli funzionali del bestiame

**Bażi ġuridika:**

Delibera della Giunta Regionale n. 1117 del 12.9.2008 «*Criteri e modalità di concessione dei contributi previsti dall'art. 1 della legge regionale n. 36/2000 in adeguamento alle disposizioni di regolamento (CE) n. 1857/2006 della Commissione*» e articolo 1 della legge della Regione Liguria 4 agosto 2000 n. 36 «*Norme in materia di associazioni allevatori*»

**Nefqa annwali mbassra skont l-iskema:** L-ammont jingħata annwalment mill-Istat lir-Reġjun skont in-numru ta' bhejjem ittestjati, in-numru ta' stalel u s-sitwazzjoni ambjentali u produttiva taż-żoni u huwa stabbilit għas-sena 2008 f' EUR 748.250,00

**Intensità massima tal-għajnuna:** Skont l-Artikolu 1 tal-Liġi Reġjonali Nru 36 tal-4 ta' Awwissu 2000, l-intensità massima tal-għajnuna hija sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli għaż-żamma tar-reġistru tal-bhejjem u sa 70 % tal-ispejjeż eliġibbli għall-kontrolli xierqa (Artikolu 16 (1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006)

**Data tal-applikazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni pprovduta fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni Ewropea

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013

**Għan tal-għajnuna:** L-għajnuna għaż-żamma tar-reġistru tal-bhejjem tkopri l-ispejjeż tal-attività għall-kontroll u x-xogħol fuq l-informazzjoni miġbura; l-attività biex isiru l-kontrolli xierqa tal-bhejjem tkopri l-ispejjeż għall-attività tal-kontroll, l-elaborazzjoni tal-informazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni miġbura mir-raħħala.

Dawn l-inċentivi previsti mill-Artikolu 1 tal-Liġi Reġjonali Nru 36 tal-4 ta' Awwissu 2000 huma mogħtija skont l-Artikolu 16(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006, sa 100 % tan-nefqa eliġibbli fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż amministrattivi assoċjati għaż-żamma tar-reġistru tal-bhejjem u dettalji oħra, u sa limitu ta' 70 % fir-rigward tal-ispejjeż imġarrba għat-testijiet biex jiġi determinat ir-rendiment tal-bhejjem, għajr għall-ispezzjonijiet mis-sidien tal-bhejjem u l-kontrolli ta' rutina għall-kwalità tal-ħalib

**Settur(i) ikkonċernt(i):** Il-benefiċċju igawdu minnu tal-farms tal-bhejjem kollha fit-territorju kollu tal-Liguria permezz tax-xogħol tal-assoċjazzjoniet tar-raħħala

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Regione Liguria
Dipartimento Agricoltura Protezione Civile e Turismo
Via G. D'Annunzio 113
I-16121 Genova

**Websajt:**

Għan-numru 1117 ta' resoluzzjoni tat-12 ta' Settembru 2008:

http://www.agriligurianet.it/Agrinet/DTS_GENERALE/20080916/dgr08_1117.pdf

Għal-liġi reġjonali Nru 36/2000:

http://www.regione.liguria.it/leggi/dos/20000036.htm